KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 t'Ottubru 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Disa' Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disa' (09) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 10 t'Ottubru 2012 fil-5.30pm.**

Id-Disa' (09) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
6. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
7. Talba ghat-Teleworking minn impjegata
8. Tender – FLT/05/12 – Cleaning of Gardens and Public Convenience
9. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta` l-Art Mekkanizzat
10. Bankini u Asfaltar f'Balzunetta
11. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet l-Ewwel tas-Sena
12. Progett Binja Vilhena
13. Progett ta Bini fi Triq Joseph J Mangion
14. Progett ta` kxif ta Fossa fi Pjazza San Publju
15. Post Mortem – Floriana Fest
16. Hwejjeg Ohra
17. Aggornament tal-Laqgha

Ghad-Disa' (09) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Anthony Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-minuti tat-tmien laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg irrefera ghall-materja nru 5.2 u talab li jitnizzel li "Il-Kunsillier Vincent Borg irrefera ghall-affarijiet mhux normali u ta' rutina."

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 16.2 li ghandha taqra "Huwa zied jghid li Justin Attard kien offra lill-Kunsill li jhallas l-ispejjez kollha hu jekk il-Kunsill jaccetta li l-attivita' ssir fuq il-Fosos minflok fi Triq Sant'Anna."

1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 19.10 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm kien kiteb lil min hu responsabbli mill-hofor tal-arbli li hemm hdejn il-monument tal-gwerra, jidher li ma kien sar xejn u s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jaghmel rapport lill-Pulizija u jitlob lill-avukat tal-Kunsill sabiex jikteb ittra legali lill-entita' responsabbli."

1.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 11.5 u talbet li jitnizzel ukoll "is-Sotto kumitat tal-Avvanz tal-Mara."

1.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 14.3 u talbet li titnizzel taht materja nru 14.3b dan li gej "Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet proposta biex jitrangaw il-bankini."

1.7 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.8 Il-minuti tas-seba' laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 3.20 li ghandha taqra "mal-kuntrattur Justin Attard".

1.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.6 li ghandha taqra "l-Indipendenza ta' erba' snin ilu."

1.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 5.2 li ghandha taqra "it-Telgha ta' Sa Maison".

1.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.13 u talab li jizdied li "dawn kellhom jitwahhlu mill-kuntrattur li pprovdihom".

1.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.5 u talab li jizdied li gew approvati l-hlasijiet kollha "hlief ic-cheque 10832 sakemm isir ix-xoghol."

1.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 7.2 li ghandha taqra "Is-Sindku zied jghid li ma kienx logiku li l-Kunsill jonfoq il-flus biex jiftah il-katusa li taghti ghal gol-gibjun qabel ma nkunu certi jekk il-gibjun jitlifx ilma jew le."

1.15 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li titnehha l-materja nru 7.5 minhabba li kienet diga giet imsemmija.

1.16 Il-minuti msemmija f'1.8 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.17 Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.18 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal-laqgha precedenti fejn il-Kunsill kien iddecieda li jzomm ic-cekk ta' Daniel Attard u nformat lill-Kunsill li wara li kienet tkellmet mal-kuntrattur, gie ddeterminat li kien hemm nuqqas ta' ftehim rigward ix-xoghol kien hemm bzon isir. Ghalhekk hija pproponiet li c-cekk li kien inzamm mill-Kunsill fil-laqgha li ghaddiet jinhareg. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.8 tas-seba' Laqgha tal-Kunsill u saqsa jekk il-Kunsill kienx talab li jiltaqa' ma' Roberta Genovese minhabba li hadd mill-kunsillieri ma kien gie nformat b'din il-laqgha. Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-laqgha kienet inzammet u ghalkemm kellu jiltaqa' maghha hu, avolja m'huwiex il-kunsillier responsabbli mil-librerija, ma hassx li kien hemm bzonn li jattendi l-Kunsill kollu. Is-Sindku talab li meta l-laqgha ma tkunx mitluba ma' kunsillier partikolari, ghandhom jigu mistiedna jattendu l-kunsillieri kollha. Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jinforma lill-kunsillieri li wara l-laqgha li saret mas-Sinjura Genovese, kien jidher li l-Go plc. kienu ser jikkunsidraw jaghmlu tajjeb ghall-ispiza kkoncernata ghalkemm ma kien ghad hemm xejn bil-miktub.

2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk saritx il-laqgha mal-kuntrattur rigward il-latrini pubblici. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-laqgha kellha ssir izda ma kinietx inzammet. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li jekk il-Kunsill jipprocedi b'din il-proposta ser ikun hemm bzonn li japplika ghal bye-law.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.2 (7) u nforma li s-sigra ta' hdejn l-Isptar Sir Paul Boffa kienet giet mizbura.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li s-Sindku jikteb ittra lir-residenti ta' Blk 2, Triq il-Fosos u saqsa jekk l-ittra kinietx intbaghtet. Is-Sindku wiegeb li minflok ittra, kien kellem personalment lil dawk ir-residenti li kienu qed jabbuzaw u johorgu l-iskart barra. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li hi wkoll kienet kellmet lil xi hadd mill-Housing li kienu marru jaghmlu spezzjoni u kellmu lir-residenti li weghduhom li ser idahhlu l-affarijiet kollha lura fil-komun.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li l-Vici Sindku jikteb lil Partit Nazzjonalista sabiex iroddu lura l-bankijiet li kienu nqalghu minn fuq il-Fosos. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jsegwi din il-materja sew minhabba li kellu nformazzjoni mis-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista li kien informah li dawn kienu gew mhallsa. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li hu kien kieteb lil Karl Gouder u kien qieghed jistenna risposta. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.8 fejn ziedet tghid li l-Fosos kien jinsab fi stat hazin hafna u thalla ghad-detriment tar-residenti fejn fil-fatt diga kien hemm accident fejn waqghet mara f'wahda mit-tappieri. Hija ziedet tghid li l-Indipendenza kienet ilha li spiccat u ghalhekk kien wasal iz-zmien li dawn l-affarijiet jigu rregolarizzati u l-palk jitnehha malajr kemm jista' jkun.

2.6.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili jekk bhala kunsilliera

responsabbli mill-attivitajiet, kinietx kellmet lis-Sur Karl Borg rigward dawn l-ilmenti. Il-Kunsilliera Sammut Hili wiegbet li ma tarax ghalfejn kellha tkellimhom hi ghax thoss li l-organizzaturi kellhom ikunu responsabbli li jhallu l-post kif sabuh. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid ukoll li din l-attivita' ma kinietx attivita' tal-Kunsill izda wahda politika fejn lanqas kien gie ottenut il-permess mill-Kunsill. Il-Kunsilliera qalet ukoll li ma thossx li kellha tghid lill-organizzaturi hi biex jaghlqu toqba li kienet maghluqa, u biex inehhu tractors u l-hadid kbar li hallew warajhom.

2.6.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jaqbilx ma' dan minhabba li skont hu, kunsillier responsabbli mill-attivitajiet huwa responsabbli mill-attivitajiet kollha; kemm dawk organizzati mill-Kunsill kif ukoll dawk organizzati minn entitajiet ohra. Huwa qal li r-responsabbilta' tal-kunsillier responsabbli huwa li wara l-attivita' jmur fuq il-post u jara x'hemm bzonn isir bhalma kien isir f'kunsilli precedenti minn kunsillieri ohra.

2.6.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill ghandu jibghat ittra lill-partit ikkoncernat sabiex jiehdu hsieb jirrimedjaw is-sitwazzjoni u jinformahom ukoll li jekk xi hadd jaqa' fit-toqob li hemm miftuhin, il-Kunsill kien ser izomm lilhom responsabbli. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.6.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid ukoll li meta tkellmet mas-Sindku Nigel Holland dwar din il-materja u dwar l-istat tal-Fosos, qatt ma kien qallha li kellha tkellem lil Karl Borg jew li kellha tiehu hsieb tigri warajhom hi.

2.6.5 Is-Sindku Nigel Holland informa li wara li kien ra t-tappieri, il-Kunsill ghandu jikkonsidra li jibghat ittra legali jekk dawn jibqghu ma jitrangawx.

2.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li peress li l-elezzjoni kienet vicin, kien gie avvicinat mir-residenti ta' Balzunetta biex matul il-meetings, il-Kunsill jikkunsidra li jerga' jirriserva l-parking ta' hdejn l-MRRA ghar-residenti bhalma kien sar matul l-Isle of MTV. Il-Kunsill approva din it-talba.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jaghmel il-covers ghat-toqob tal-arbli li hemm fi Triq il-Mall u Triq V. Dimech u zied jipproponi li l-Kunsill jibghat ittra lil dawk li juzawhom fil-Festa sabiex jiehdu hsieb l-ghatu minhabba li qed jithalla bl-addocc u jispicca kull darba jinkiser. Il-Kunsill qabel.

2.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-gimgha ta' wara kien ser jibda' l-grouting tal-Fosos.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7 (7) fejn informa li kien iltaqa' mal-Perit David Vassallo u li mieghu kien qajjem diversi punti. Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li matul il-laqgha kien informat li l-culverts ta' Triq Sa Maison, mill-Go sa hdejn Transport Malta kienu ghadhom kif saru godda u ghalhekk kien ippropona lill-Perit sabiex isiru wkoll il-culverts tan-naha l-ohra, faccata ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Vincent Borg kompla billi qal li kien semmielu wkoll li fejn jidhol il-vapur t'Ghawdex, hemm sprall li l-vireg tieghu huma mbeghdin hafna u fil-fatt kien hemm mara li dahlitilha saqajha fih. Huwa zied jghid ukoll li semma li hemm culverts ohrajn li ghandhom hofor kbar u li kien hemm ftehim li dawn il-culverts isiru minn Transport Malta.

2.10.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa wkoll li matul il-laqgha kien gie diskuss it-tarmac li tressaq minhabba l-buses li jghaddu minn Triq Nazzjonali c/w Pjazza ES Tonna. Huwa kien talab li din it-triq tigi rrangata u kien talab ukoll li titnehha t-traffic island li hemm fl-istess post li qed tohloq diversi problemi ghall-karozzi biex jimmanuvraw meta tkun qed iddur tal-linja. Zied jghid ukoll li ma' din it-traffic island kienu qeghdin jipparkjaw karozzi li kienu qed idejjqu t-triq u jkomplu jiggravaw is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier Borg qal li l-perit Vassallo kien ha nota u ghadda l-informazzjoni lill-perita tad-distrettt biex jigi ddeterminat x'jista' jsir.

2.13.1 Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll li matul il-laqgha giet diskussa il-crash barrier li l-Kunsill kien talab li ssir fil-kantuniera fi Pjazza Sant'Anna minhabba li kull darba tal-linja jolqtu l-bankina jew ir-railing.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibghat lil Transport Malta u jinformahom bir-rampi li hemm fi Triq Sant'Anna fejn anke korra bniedem. Huwa sostna li l-Kunsill ghandu jesiegi li tittiehed azzjoni immedjata.

2.14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid li ghalkemm il-Kunsill kien qabel li ghandu jkellem lil Transport Malta rigward rampa minnhom, kien hemm bzonn li jinbidlu jew jigu spostjati zewg rampi u mhux biss wahda ghax kien ser isir xi incident iehor.

2.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.9 (7). Huwa zied jghid li wara li kien tkellem mar-residenti, xi whud kienu oggezzjonaw li jithaffer gandott quddiemhom. Ghalhekk il-Kunsillier Vincent Borg qal li wara li kien tkellem mal-Perit jista' wiehed jaqsam fejn hemm ic-cangaturi tal-bankina u jigi drainjat ghall-isprall li diga hemm fil-post. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill japplika l-Housing sabiex jinghata l-fondi ghal dan il-progett.

2.16 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kellux risposta rigward l-aircondition units tal-Unjoni Haddiema Maghqudin. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghad m'ghandu xejn rigward din il-materja.

**Nota: 18:15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**
**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

2.17 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa fuq il-vaccin tal-influwenza fejn il-Kunsill suppost li kellu jaghti risposta sal-ahhar t'Ottubru izda ma kienx ser ilehhaq u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jaghmel avviz man-noticeboards tieghu fejn iheggeg lir-residenti sabiex imorru jiehdu l-vaccin tal-influwenza. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Arcipriet sabiex jaqra l-istess avviz matul il-quddies tal-Hadd.

**Nota: 18:18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

2.18 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-LN 441.04 u saqsa jekk il-Kunsill hemmx bzonn jaghmel bye-law biex japplika dawn ir-rati u jekk il-Kunsill kienx diga qed jaghmel uzu minn dawn ir-rati. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kienx hemm bzonn minhabba li din kienet legal notice u li l-Kunsill kien ser jibda' jzomm ir-rati stipulati meta jkun hemm xi talba ghal xi permess.

2.19 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposti mill-membri tas-sotto kumitati tal-kunsill precedenti minhabba li jixtieq li jipproponi xi membri godda fis-sotto kumitati. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien hemm xi risposti, u li ser jivverifika jekk jappertjenux ghas-sotto kumitat tieghu, sabiex il-Kunsillier Borg ikun jista' jsejjah laqgha tas-sotto kumitat.

**Nota: 18:20 Il-Vici Sindku Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.**

2.20 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx gie ordnat ir-ritratt tas-sitt kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li r-ritratt kien gie ordnat ghall-printing u wara kien ser jittiehed sabiex jigi nkwadrat fi kwadru parigg dawk ezistenti.

2.21 Is-Segretarju Ezekuttiv, b'riferenza ghal korrezzjoni tal-minuti f'materja 1.12, gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-Memo Interna, kien gie deciz li l-cradles tal-bandli jkunu mwahhlin mill-haddiem tal-Kunsill u mhux minn kuntrattur izda peress li kien inqabad b'hafna xoghol, kien talab lil kuntrattur Daniel Attard sabiex iwahhalhom hu minflok u li twahhlu senza interessi.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li tigi ccelebrata St. Patrick's Day f'Balzunetta u zied jghid li wara li tkellem ma' Kenny Roberts, kien talab li l-attivita' tigi organizzata mal-Floriana Ajax. Is-Sindku kompla billi nforma li kienet ser issir laqgha dwar dan l-ghada fil-5.30pm u li ghaliha kienu mistiedna l-kunsillieri kollha.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie moghti appuntament mic-Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar, is-Sur Austin Walker u nforma li matul din il-laqgha kienu ser jigu diskussi il-fondi mis-CPPS, l-Urban Improvement Fund kif ukoll tigi diskussa l-problema tar-ristawr tal-monument ta' Dante. Huwa zied jghid li l-laqgha kienet ser tinzamm nhar il-Gimgha 12 t'Ottubru fis-2.00pm.

**Nota: 18:35 Il-Kunsillier Anthony Brincat rega' attenda ghal-laqgha.**

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-Akkademja ta' Justin Haber u nforma lill-Kunsill li ghalkemm il-kuntratt kien ghadu ma giex iffirmat, il-piccijiet kienu bdew jintuzaw mill-gurnata ta' qabel u ghalhekk ippropona li meta jigi ffirmat il-kuntratt, il-kuntratt jibda' jghodd mid-9 t'Ottubru 2012.

3.3.1 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid ukoll li jinsab imhasseb rigward il-picc tat-tennis li suppost kellu jkun tajjeb kemm ghat-tennis kif ukoll ghall-football. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob li jinghata certifikat li dan il-picc huwa tajjeb ghaz-zewg sports.

3.3.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li l-picc irid jittaqqab b'tali mod li jidhlu l-arbli tat-tennis. Huwa zied jghid li ma kienx facli li l-picc jintrama' ghat-tennis u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur li jiftah il-gonna pubblici sabiex jaghtih kwotazzjoni ta' kemm jiehu jekk ikollu jarma x-xibka u l-arbli tat-tennis. Is-Sindku zied jghid li dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu minn min ikun ser juza t-tennis court. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ppproponiet li l-Kunsill javvicina lil Justin Haber jekk ghandux xi hadd li jkun jista' jarma t-tennis court. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll il-kaz ricenti fejn inqala' kunflitt fl-uzu tal-picc tal-football bejn Charles Farrugia u Justin Haber Football Academy. Il-Vici Sindku qal li waqt li Charles Farrugia ikun qed jaghmel sessjonijiet tat-training lit-tfal, kienu qed jidhlulhom xi tfal ohra u ghalhekk saqsa jekk il-Kunsill ghandux xi ftehim ma` Charles Farrugia sabiex jikrilu l-picc. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma kellu l-ebda ftehim.

3.4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid li din il-problema kienet inqalghet minkejja l-fatt li Justin Haber kien qabel li jhalli l-gurnata tal-Hamis libera sabiex tkun tista' tintuza minn nies ohra. Is-Sindku Nigel Holland qal li Charles Farrugia ma kellu l-ebda jedd juza l-picc ghax ma kellu l-ebda ftehim mal-Kunsill u/jew qed ihallas lill-Kunsill talli kien qed jaghmel uzu minnu. Huwa zied jghid ukoll li ghalhekk ma jhossx li ghandu dritt jimponi liema gurnata juza l-picc.

3.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fil-kuntratt ma kienx hemm miktub il-gurnata specifika li l-picc irid jithalla vojt minn Justin Haber Academy.

3.4.3 Is-Sindku Nigel Holland qara l-korrispondenza mibghuta minn Charles Farrugia li kien

qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ikompli juza l-picc kull nhar ta' Hamis.

3.4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm il-gurnata ma kinietx giet specifikata bil-miktub, hi xorta thoss li Justin Haber kellu jonora l-punt tal-irgulija ladarba kienu ftehmu verbalment u waqt laqgha li l-Hamis il-picc jithalla liberu.

3.4.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li ladarba ma kien hemm xejn bil-miktub, minn dan kollu ma kien jghodd xejn. Huwa zied jghid ukoll li fil-klawsola tal-kuntratt kien hemm stipulat li kellha tithalla biss siegha libera u mhux saghtejn jew gurnata shiha. Is-Sindku sostna li missu kien hemm insistenza mill-kunsillieri li l-ftehim informali jitnizzel fil-kuntratt.

3.4.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill ihalli lil Charles Farrugia jaghmel uzu mill-picc l-ghada, u wara, jiltaqghu it-tliet partijiet sabiex jiddiskutu soluzzjoni.

3.4.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li hi ma taqbilx li l-Kunsill ghandu jipprocedi b'dan il-mod minhabba li thoss li s-Sur Justin Haber ghandu jimxi ma' dak li kien miftiehem.

3.4.8 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li hu wkoll ma jaqbilx u li kien ser iressaq mozzjoni biex il-kuntratt ma jigix iffirmat qabel ma jitbiddel kif qed jigi propost minnu u mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili.

3.4.9 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li jikteb lill-Mark Mizzi sabiex l-ghada ma juzax il-picc il-kbir u jonora l-ftehim verbali li kien hemm mal-Kunsill.

3.4.10 Is-Sindku Nigel Holland informa li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta minhabba li ma kien hemm xejn bil-miktub li jistipula li l-picc ma setax jintuza l-ghada.

3.4.11 Il-Kunsill qabel li ghandu jippostponi d-decizjoni fuq it-talba tas-Sur Charles Farrugia minhabba li din tmur kontra l-kuntratt li ser jigi ffirmat mill-Kunsill u ghalhekk wiehed ghandu jara kif ser jisvolgu l-affarijiet ma' Justin Haber qabel ma tittiehed decizjoni.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill rigward il-progett ta' bankini godda li qed isiru mill-kuntrattur Dion Galea.

3.5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris sostna li l-Kunsill ghandu jitolbu n-numru tal-mobile il-gdid tieghu minhabba li ilu hafna jipprova jikkuntattjah minghajr success.

3.5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li l-kuntrattur kien informah li qed isibha difficli biex igib l-ahhar sebghin metru kurduna li kien fadal jingabru.

3.5.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wara li giet deciza skeda bejn il-kuntrattur u l-Kunsill, din kienet giet onorata mill-istess kuntrattur.

3.5.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li kien ircieva diversi lmenti specjalment minhabba t-tappiera tad-drenagg li thalliet miftuha u kawza t'hekk hemm riha kbira ta' drenagg. Il-Vici Sindku zied jghid ukoll li minhabba dan, kien hemm persuna li ma setghetx tiftah in-negozju kawza ta' dawn l-irwejjah. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghanda issir immedjatament, u jekk filkaz, jimpjega lil xi hadd sabiex jaghlaq din it-tappiera u tali spiza titnaqqas mill-pagament dovut lill-kuntrattur.

3.5.5 Sadanittant, il-Kunsill qabel li l-bank guarantee ghandha tigi sostiwita bir-retention money u li l-Kunsill ghandu jiddeciedi data sa meta ghandu jitlesta x-xoghol kollu.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland irrimark li Emanuel Vella tar-Road Servicing talab ghall-laqgha mal-

Kunsill. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir nhar it-Tnejn fit-3pm.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Avukat Chris Scicluna sabiex jifforma parti mill-Bord tal-Appell. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: 19:00 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali li offrew lill-Kunsill sabiex jigi organizzat pasta night konguntament mal-Kunsill, li jammonta ghal €140. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda qabel li ghandu jinformahom li l-Kunsill mhux ser jikkommetti ruhu ghas-snin li gejjin.

3.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal restrizzjonijiet fil-ligi fejn jidhlu donazzjonijiet jew ricevimenti. Huwa ppropona wkoll li kontrakambju, l-Kunsill jitlob li ssir quddiesa ghall-erwieh tal-ex kunsilliera fil-Knisja ta' San Publju. Il-Kunsill qabel

**Nota: 19:10 Il-Vici Sindku Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.**

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-haddiema kienu marru jaghmlu xi linji sofor quddiem il-bibien tal-Malta Scouts Association minhabba li kienu lmentaw li qed ikollom xi vetturi pparkjati quddiem il-bibien sekondarji taghhom u li b'konsegwenza ta' dan, jinghalqilhom l-access. Ghalhekk is-Sindku ppropona li jitwahhlu bollards quddiem il-bibien sabiex ma jithallewx jipparkjaw vetturi. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta anke minhabba li l-karozzi pparkjati fuq bankina jkerrhu u jghattu faccata daqshekk sabiha.

3.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kienet cemplitlu l-mara ta' Justin Haber li nformatu li m'hux possibli jikkoncedu l-picc ghal ghada minhabba li z-zewg piccijiet kienu diga bbukkjati. Il-Kunsill ma qabilx u sostna li l-ghada, il-picc il-kbir kellu jithalla vojt.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Senior Citizens fejn offrew lill-Kunsill jaccetta li jkun lest jiehu hsieb il-proprjeta' mobbli u l-flus kollha li l-ghaqda ghandha f'isimha kemm-il darba din tinhall. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jikkonferma t-talba izda jiccara li ladarba l-Kunsill jiehu l-assi ma jkunx jista' jroddhom lura f'kaz li din terga titwaqqaf.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Iris Azzopardi li qed titlob id-danni li ghamlet fil-karozza lill-Kunsill meta rriversjat f'arblu. Il-Kunsillier Vincent Borg informa li l-arblu kien imwahhal tajjeb u fuq bankina. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandu jikteb u jirrifjuta t-talba u jinformaha li ma kienx logiku li titressaq talba simili quddiem il-Kunsill meta kellu jkun il-Kunsill li jitlob id-danni ghall-hsara li giet maghmula lilu.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Karl De Flavia li talab li jbda jaghmel uzu mill-kamra li hemm mas-sur fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kif ukoll biex jaghmel riklam fuq l-information panels li hemm fin-nizla tal-Kurcifiss sakemm il-Kunsill ikollu bzonn jaghmel ir-reklami tieghu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li s-Sur De Flavia jaghmel uzu mill-kamra ta' mas-sur minghajr pregudizzju, izda ma qabilx li ghandu jaghti permess lis-Sur De Flavia jaghmel reklami fuq l-information panels minghajr hlas, barra il-fatt li ser jintuzaw mill-kunsill.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kienet ghadha tghajjat lis-Sur Brian Zammit u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu l-passi kollha sabiex din tibda' tghajjat lilu. Il-Kunsill qabel.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-dipartiment tal Gvern Lokali

rigward impjieg ta' persuni b'dizabbilta'. L-Ispejjez ta dan l-impjieg ser jigu assorbiti mill Gvern. Il-Kunsill approva li ghandu jilqa' l-offerta.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana FC Youth Nursery biex flimkien mal-Kunsill jerga' jigi organizzat tournament fi zmien il-Milied. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jissuggerixxi li t-tournament jigi organizzat flimkien mat-tournament tal-Kunsill u li l-Kunsill jissuggerixxi li l-klabb jitlob donazzjoni minima ta' €1 li tinghata lill-Puttinu Cares.

3.17.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba tal-Floriana FC youth Nursery u jorganizza tournament b'mod kongunt izda jinghata l-istess ammont li nghata s-sena l-ohra stante li l-ghaqdiet kollha kienu qed jigu inghatati l-istess cifra, izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

3.17.2 Wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili favur l-approvazzjoni li t-tournament jigi organizzart konguntament izda l-ispiza ma taqbizx l-€1100, issekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, MP, VB, AB)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

3.19.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat li ladarba l-Kunsill kien dejjem sab l-ghajnuna ta' din l-ghaqda, hi ma taqbilx li l-Kunsill ghandu jirrestringi ruhu maghhom.

**<u>Nota: 19:15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li kien hemm xi tnaqqis mit-tranche allokat lill-Kunsill minhabba n-nuqqas ta' tindif fit-Telgha tal-Kurcifiss.

3.18.1 Wara li tressqet mozzjoni mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni li dan l-ammont jitnaqqas mill-pagament dovut lill-Wilson Mifsud, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP, VB, AB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: 19:17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.</u>**

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghan-numru kbir t'ilmenti li kienu qed jidhlu dwar l-indafa u talab li l-Kunsill jistieden lill-kuntrattur ikkoncernat ghal-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex tigi diskussa l-indafa fil-lokalita'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet informazzjoni rigward id-default notices li hargu lill-kuntrattur u saqsiet ghalfejn dawn ma kienux gew approvati mill-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland informa li d-default notices kienu nhargu wara li kienu saru spezzjonijiet specifici f'toroq specifici, fuq oggetti specifici u hass li wara li s-sitwazzjoni ma kinietx irrizolviet wara hamest ijiem kien hemm bzonn li johorgu xi default notices. Is-Sindku zied jghid li dawn setghu jigu rtirati jekk il-Kunsill xtaq hekk. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li qabel, kull kunsillier li hass li kwalunkwe kuntrattur kellu jigi mmultat, kien jitlob zewg firem ohra qabel ma jipprocedi biex jitlob li jigi mmultat xi kuntrattur. Il-Kunsill

qabel li d-default notices m'ghandhomx jigu rtirati, izda qabel li ghal darb'ohra d-default notices jigu approvati mill-Kunsill kollu.

3.21 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li hemm ukoll xi tipping fees tas-sena 2010, li l-Kunsill irid ihallas lill-Wasteserv.

3.22 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward il-boroz li ser jitqassmu b'xejn lir-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghadda l-materjal kollu lill-Wasterserv u li kien qed jistenna risposta minghandhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika maghhom u jinsisti li l-boroz jibdew jitqassmu minnufih.

**Nota: 19:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-laqgha giet sospiza sakemm il-Kunsill talab lil Justin Attard jinghaqad mal-mejda.**

**19:40 Id-Disa' Laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

3.23 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand persuna li lmenta li meta jwassal lill-pazjent l-isptar Sir Paul Boffa, qed ikollu jipparkja mal-crash barrier. Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li l-pazjent ghandu jitwaqqaf fid-dahla ta' l-isptar u mbaghad ix-xufier jinzel jipparkja. Ghalhekk, il-Kunsill ma qabilx li din il-crash barrier ghandha titnehha.

3.24 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghat-trakk tal-bulky refuse li jithalla quddiem il-Kunsill mimli mbarazz u qalet li dan mhux sew minhabba li jkerrah it-triq.

3.25 Is-Sindku Nigel Holland qal li kellu suggeriment li jkun hemm limitu fuq l-ammont ta' oggetti li jingabru kull gurnata ghall-bulky refuse minhabba li gieli ma jkollux bizzejjed spazju u certu oggetti jibqghu ma jingabrux. Il-Kunsill ma qabilx u qabel li jekk qed ikun hemm problema, ghandha tinstab alternattiva mill-kuntrattur.

3.26 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-bulky refuse jibda jingabar il-gurnata ta' qabel li jkun jista' jbattal dan sabiex ma jithalliex granet shah mimli fit-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-Wasteserv.

3.27 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Joe Buhagiar, kuratur tal-Argotti fejn offra li jista jaghmel l-istudju necessarju vis-a-vis il-progett ta Gardmed. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kjarifika minhabba li jista' jaghti l-kaz ta kunfitt t'interess fil-parametri ta' GARDMED.

3.30 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Mark Mizzi sabiex issir tabella fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li fit-tabella ghandu jizdied li din l-Akkademja saret bl-ghajnuna tal-Kunsill Lokali Floriana.

3.31 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-offerta' ta' Justin Haber li fl-Akkademja tieghu tinghata scholarship lil zewgt itfal furjanizi. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem ma' Justin Haber u johrog sejha ghal dawk interessati.

3.32 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienet ser issir laqgha ghas-Sindki u ghall-kunsillieri. Il-Kunsill qabel li japprova l-attendenza ta' dawk il-kunsillieri responsabbli.

3.33 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinzammu fl-arkivji tal-Kunsill xi minuti u dokumenti tal-Kunsill Civiku. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal laqgha ricenti li nzammet mas-Sindku tar-Rabat fejn kienu mistiedna s-sindki u l-minority leaders u saqsiet ghalfejn hadd mill-kunsillieri ma kien gie nformat b'din il-laqgha. Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb, li min-naha tieghu qal li kien minghalih li l-email bid-dettalji tal-laqgha kienet intbaghtet lill-kunsillieri kollha.

**Nota: 19:50 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal dak li gie diskuss fl-ahhar laqgha rigward iz-zona maghrufa bhala taht il-Forka u saqsiet lis-Sindku jekk kinietx saret il-laqgha rikjesta. Is-Sindku talab lill-Vici Sindku Matthew Paris iwiegeb li min-naha tieghu qal li din kienet ghadha ma saritx minhabba li r-ristorant kien ghadu ma biddilx is-sid.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku dwar ir-rotta nru 133 tal-Arriva u dwar x'kien sar biex din tibda' tghaddi minn Triq San Frangisk. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva xejn. Il-Kunsill qabel li il-amterja taghddi f'idejn il-Kunsillier Vincent Borg

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienx gie ffirmat il-kuntratt tal-Wi-fi hot spots. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb li min-naha tieghu qal li dan il-kuntratt kien gie ffirmat min-naha tal-Kunsill ricentement.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienux saru l-laqghat mas-Sur Brian Zammit u mat-TCTC sabiex jibda jsir l-online streaming tal-laqghat tal-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb li min-naha tieghu qal li ma jarax il-bzonn ta' dawn il-laqghat ladarba d-dettalji kollha kienu gew ipprovduti miz-zewg offerenti. Huwa zied jghid ukoll li l-ewwel kien ser jigi nstallat network fid-Dar tal-Kunsill li jkun jista' jiffacilita l-proess f'kaz ta ghazla. Il-Kunsill qabel li xorta wahda ghandha tintalab laqgha maz-zewg offerenti sabiex jigu diskussi xi dettalji ulterjuri.

4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-attivita' ta' Genna ta' Gonna u saqsiet lis-Sindku jekk kienux qed jitnaddfu xi postijiet ghal dakinhar. Is-Sindku wiegeb li kien talab lill-amministrazzjoni sabiex tinforma lill-kuntratturi tal-Kunsill biex dakinhar, il-lokalita' tkun imnaddfa kollha. Is-Sindku zied jghid ukoll li kien hemm bzonn li titnaddaf il-mina tal-ferrovija bhal ma sar is-sena l-ohra. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara li kien talab xi kwotazzjonijiet, it-tindif tal-mina kien ser jammonta ghal €300. Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar li apparti t-tindif, kien hemm ukoll il-bzonn li jinkrew dwal u generators ghal gol-mina. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet billi pproponiet li l-kunsillieri kollha jkunu prezenti f'hin wiehed li ghandu jigi stipulat, biex dakinhar tal-attivita', iduru flimkien xi attrazzjonijiet miftuha. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li wiehed ghandu jipprova jaghmel dan imma mhux dejjem ikun possibli.

4.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku rigward il-koncessjoni li tista` tinghata lil The Granaries sabiex jarma xi mwejjed fuq il-Fosos dakinhar tal-attivita'. Is-Sindku wiegeb li kien ghad m'hemm xejn stabbilit u kienet ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill li jigi ddeterminat jekk ghandux jipprovdi koncessjonijiet lin-negozji tal-Floriana sabiex jarmaw bl-imwejjed. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil kull negozju tal-ikel li ghal min hu nteressat, il-Kunsill kien ser jilqa' talbiet ghal hrug ta' permessi ghall-armar ta' mwejjed quddiem in-negozji. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob it-tariffa tal-imwejjed biss u mhux tal-bars.

4.8 Il-Kunsillier Vincent Borg beda' billi ta l-proset ghall-organizzar tal-attivita' "Omagg lil Balzunetta" u kompla billi saqsa lis-Sindku ghalfejn ma kienx gie maghzul xi hadd minn Balzunetta bhala compere ghal din l-attivita'. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili twiegeb li min-

naha taghha qalet li kienet hasbet li tavvicina lil zewg persuni differenti minn Balzunetta izda ma kienx irnexxilha tikkonferma lil hadd minnhom bhala compere. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ma kienx gust li l-Kunsill m'avvicinax lilu biex ikun il-compere ladarba hu kien l-uniku kunsillier minn Balzunetta. Il-Kunsill qabel li seta' sar kif suggeriet mill-Kunsillier Borg izda l-fatt li dan ma sarx, kien b'nuqqas ta' hsieb u mhux b'intenzjoni.

4.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienitx harget l-Expression of Interest ghal Gnien Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jirrispondi li min-naha tieghu qal li din kienet ghadha ma hargitx izda kien ser jipprova jsib cans biex din tinhareg mill-aktar fis.

4.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kantina tad-Dar tal-Kunsill li kien qed jaghmel uzu minnha l-kuntrattur tat-tindif tat-toroq. Huwa zied jghid li kienu qed jintefghu xi boroz tal-iskart fiha. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv iwiegeb li min-naha tieghu qal li mill-informazzjoni li kellu, il-kuntrattur kienu waqghulu xi boroz fil-kantina izda dawn ma kienux ingabru minhabba li kien hemm xi grieden. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb sabiex din il-kantina titnaddaf u tibda' tissakkar.

**<u>Nota: 20:05 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

## <u>5.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **70/05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

5.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm kienet tat invoice ta' pagament dovut lil Justin Tabone ghall-Floriana Fest, dan xorta wahda kien baqa' ma tnizzilx fl-iskeda ta' pagamenti u ghalhekk talbet li dan jizdied fl-iskeda ta' pagamenti ipprezentata llum sabiex is-Sur Tabone jigi mhallas.

**<u>Nota: 20:07 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

**<u>Nota: 20:08 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**
**<u>Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.</u>**

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagamenti nru 13, 23 u 57 dovuti lil Melita plc. U lill Ozone Ltd. u saqsa kif il-Kunsill ghandu tliet servizzi ma' zewg kumpaniji differenti. Huwa zied jistaqsi jekk il-Kunsill kienx jaqbillu li jkollu servizz ta' kumpanija wahda u pakkett wiehed, sabiex jiffranka mill-ispejjez. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Ozone huma tliet linji separati tat-telefon li jintuzaw kemm ghat-telefon kif ukoll ghall-internet, u tal-Melita hija il-hlas tal-Cable TV.

5.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagament nru 13 dovut ghar-reception tat-televizjoni u saqsa ghalfejn dan kien qed jithallas meta t-televizjoni ma kienx jintuza. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss sabiex jigi ddeterminat jekk dan ghandux jitnehha.

**<u>Nota: 20:13 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.</u>**
**<u>Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.</u>**

5.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-pagament ta' €100 approvat mill-Kunsill dovut lil Erik Debattista u nforma li wara li kienet saret l-attivita' kien irrizulta li l-ispiza kienet giet tammonta ghal €160. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill japprova d-diskrepanza tal-kwotazzjoni.

5.5.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro mozzjoni sabiex ma tigix approvata din id-diskrepanza minhabba li l-Kunsill ma kienx qed izid mat-talbiet mill-ghaqdiet izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

5.5.2 Wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-pagament ta' €160 lil Erik Debattista minflok dak approvat ta' €100, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, MP)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

5.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghax-xiri ta' bolol minn stationery fil-Floriana u talbet li x-xiri tal-bolol jibda' jsir minn stationeries differenti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq lista ta' memos interni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-approvazzjoni ta' dawn il-memos tigi posposta ghal-laqgha li jmiss sabiex ikun hemm bizzejjed cans li din il-lista tigi evalwata.

5.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat fil-minuti li hu kien ser jastjeni mill-approvazzjoni ta' pagamenti dovuti lill-Jobbers Ironmongery, lil Aurelia Enforcement Ltd. u lil JF Security.

5.9 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10872 sa 10948 u cekk nru 75 sa 108 kif ukoll iz-zieda tac-cekk nru 10949 pagabbli lil Justin Attard kif approvat iktar 'il fuq, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, VB, DSH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

5.10 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 6.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

6.1 Minhabba li ma kienx hemm mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi ghall-materja li jmiss.

## 7.0 Talba ghat-Teleworking minn impjegata

7.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiftah din il-materja.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi spjega li kif kien gie diskuss fil-laqgha precedenti, l-iskrivana Fiona Said kienet talbet estensjoni tat-telework fl-impjieg taghha.

7.3 Huwa kompla billi qal li wara li kienet saret laqgha bejn l-impjegata u l-kunsillieri, kien gie ddeterminat li l-ahjar soluzzjoni kienet tkun dik ta' tletin siegha xoghol fl-ufficcju u ghaxar sieghat xoghol mid-dar. Madankollu wara li kienet giet evalwata din il-proposta kien hareg li ma setax isir hekk minhabba li t-tletin siegha mill-ufficcju ma setghux jigu milhuqa.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li kienu diversi l-alternattivi kkunsidrati u ghalhekk kienet ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill sabiex jiddeciedi l-ahjar ghazla.

7.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' t-talba ghal estensjoni tat-telework, ghall-sena, bil-kundizzjoni li jinhadmu tletin siegha mill-ufficcju u ghaxar sieghat mid-dar matul is-sena kollha inkluzi x-xhur tas-Sajf dan sabiex jintlehqu l-ammont ta' sieghat li jridu jinhadmu minn impjegat full time.

7.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet talba mill-impjegati full-time tal-Kunsill sabiex jinghataw il-facilita' tan-nofstanhari fix-xhur tas-Sajf li jibdew minn nofs Gunju sal-ahhar ta' Settembru.

7.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni sabiex din it-talba ma tigix milqugha izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

7.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni sabiex tintlaqa' t-talba tal-impjegati li jinghataw il-facilita' tan-nofstanhari fix-xhur tas-Sajf li jibdew minn nofs Gunju sal-ahhar ta' Settembru, ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, DSH, VB)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

7.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-impjegati sabiex jipproponu l-hinijiet tax-xoghol tax-Xitwa kif ukoll tas-Sajf.

## 8.0 Tender – FLT/05/12 – Cleaning of Gardens and Public Convenience

8.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiftah din il-materja.

8.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ser ikun hemm bzonn li l-Kunsill japplika ghall-bye law sabiex ikun jista' jqabbad kuntrattur jiehu hsieb il-latrina pubblika li hemm hdejn Bieb il-Bombi, u jsiru bi hlas.

8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi saqsa jekk it-tender kienx ser jinhareg separat jew jekk kienx ser jinhareg kif kien qabel.

8.4 Il-Kunsill qabel li t-tender ghandu jinhareg bhal dak prezenti, izda ghal-sena li jiggedded kull sena sa massimu ta tlett snin, minflok validu ghall-tlett snin

8.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fit-tender ser jizdied ukoll l-e-procurement, li kienet procedura li qed tigi adottata ricentement b'rispett lejn l-ambjent

**Nota: 20:45 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha ghandha tigi estiza b'siegha.**

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2012

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li jhoss li l-Kunsill kien qieghed tard fil-hrug ghas-sejha tal-partecipanti interessati jiehdu sehem fl-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art minhabba li ssoltu din is-sejha tkun ilha li nharget.

9.2 Il-Kunsill qabel li din is-sejha ghandha tinhareg malajr kemm jista' jkun.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi saqsa jekk kinietx inzammet il-laqgha tas-sotto kumitat tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art.

9.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li din il-laqgha kienet ghadha ma ssejhitx minhabba li kienet qed tistenna risposta minghand il-membri tas-sotto kumitati tal-kunsill precedenti sabiex jikkonfermaw l-interess taghhom.

9.5 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-laqgha xorta wahda setghet issejhet minhabba li min ma kienx interessat kien ser jinforma xorta wahda ladarba jigi kkuntattjat ghal-laqgha. Ghalhekk huwa ressaq mozzjoni biex tissejjah laqgha tas-sotto kumitat tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

9.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm bzonn li wiehed jiddiskuti jekk din l-attivita' hux ser issir qabel ma jibdew jissejhu laqghat dwar l-attivita'.

9.7 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma kinietx tidher promettenti u zied jghid li l-Kunsill kien ser jigi f'diffikulta' jekk jiddeciedi li jhallas dan il-festival, jekk ser jordna l-porfido ghall-bankini.

9.8 Huwa zied jghid li wiehed hemm bzonn li jsib alternattiva finanzjarja ohra.

9.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni dwar kif kien ser jipprocedi wara li tinzamm il-laqgha tas-sotto kumitat tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art.

9.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigu ppreparati l-minuti ta' fejn kien hemm il-laqgha tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 10.0 Bankini u Asfaltar f'Balzunetta

10.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jiftah il-materja.

10.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi semma l-materja tal-porfido li l-Kunsill kien qed jistenna sabiex jitkomplew il-bankini u l-asfaltar f'Balzunetta.

10.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li wara laqgha li kellu mas-Sur Ellis kien gie ikkonfermat li kien ser izomm l-istess prezz li kien gie kkwotat fl-2002, sabiex jibqa validu it-tender.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa x'daqsijiet kien ser ikun il-porfido u s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li komplessivament, d-daqsijiet kellhom ikunu 200 metru kwadru bicciet zghar u 600 metru kwadru bicciet kbar, kif kien talab il-Kunsill originarjament.

10.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa sa fejn kien ser iwassal dan il-porfido. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn il-metri kellhom ikunu bizzejjed biex il-Kunsill ilesti x-xoghol li kien ghad fadal ghan naha ta balzunetta kollha.

10.6 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li rigward il-kurduna tal- lava, kien ghad ma kellux resposta, minhabba li s-Sur Ellis ma kienx ghadu ikkonferma il-prezz tal-lava.

10.7 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li s-Sur Ellis kien informah li jekk il-Kunsill jaqbel li jixtri dan il-materjal, kien hemm bzonn li jithalla depozitu fuq ix-xiri minhabba l-ammont kbir tal-ispiza li ghaliha tammonta x-xirja ta' dan il-materjal.

10.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li wara li kien kellmu Emmanuel ta` Road Servicing Ltd, dan kien offra li jtih il-porfido b'nofs il-prezz li jikkwota s-Sur Ellis. Huwa zied jghid li ghalkemm ir-Road Servicing ghandu kull daqs ta' porfido, ma kellux l-ammont ta' 800 metru kwadru.

10.09 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kellu konferma mill-Housing li d-diskrepanza li kien ser jonfoq il-Kunsill fir-rigward tal-asfaltar ta' Balzunetta, kienet ser tigi assorbita mill-Housing Authority.

## 11.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet l-Ewwel tas-Sena

11.1 Il-Kunsill kien iddiskuta din il-materja ma Justin Attard, f'punt tal-Minuti 3.22

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li diga qeghdin tard sabiex johrog it-tender ghal-kiri ta` tinda, ghaldaqstant hemm bzonn li jinaghtwlu l-ispecifikazzjonijiet sabiex johrog l-offerta.

Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 12.0 Progett Binja Vilhena

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma l-progett ta' Binja Vilhena.

12.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien ser jiltaqa' mal-perit l-ghada sabiex jiddiskuti x-xewqat tal-Kunsill f'dan ir-rigward u jitolbu jtih stimi ghat-tnehhija tar-rampa, tal-manutenzjoni tal-bankina bic-cangatura nieqsa u tax-xogholijiet li kien approva l-Kunsill.

12.3 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar ukoll fil-kwistjoni tal-gandott.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jinforma lill-Kunsill kollu bil-laqghat li jkun hemm mal-Perit sabiex ma jkunx hemm bzonn li jigu ripetuti certu diskussjonijiet.

## 13.0 Progett ta Bini fi Triq Joseph J Mangion

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi informa lill-Kunsill bi proposta li kienet saret minn kunsill precedenti sabiex isir bini fi Triq Joseph J. Mangion.

13.2 Is-Sindku kompla billi ppropona li l-Kunsill ikompli fuq il-passi tal-kunsill precedenti u jinsisti mal-awtoritajiet li l-parking lot li hemm f'din it-triq tinbena jew tinbiegh ghall-bini.

13.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu javvicina lill-awtoritajiet b'din il-proposta u jinsisti li din iz-zona tinbena sabiex jizdied il-bini residenzjali fil-lokalita'.

## 14.0 Progett ta` kxif ta Fossa fi Pjazza San Publju

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill bid-decizjonijiet mehuda mill-ahhar kunsill rigward il-progett ta' ftuh ta' fossa fi Pjazza San Publju.

14.2 Is-Sindku zied jghid li ma xtaqx li din l-applikazzjoni torqod u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ikompli jahdem sabiex dan il-progett ikun success.

14.3 Is-Sindku kompla billi qal li l-istima originali ghal dan il-progett kienet tammonta ghal madwar €12,000 u kienet tinkludi l-hgieg, l-istainless steel, ecc.

14.4 Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jaghmel revizjoni tal-bill of quantities sabiex ikun jista' johrog sejha ghall-offerti u jibda' x-xoghol fuq dan il-progett mill-aktar fis possibli.

14.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzja dan il-progett.

14.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jaghmel miniature scale tal-lokalita' fi Pjazza ES Tonna, fil-haxix li hemm faccata tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din il-proposta.

14.7 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jfittex ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea ghal dawn iz-zewg progetti.

## 15.0 Post Mortem – Floriana Fest

15.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tiftah il-materja.

15.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet sabiex titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss li ladarba kien ghad m'ghandiex il-breakdown tal-ispejjez relatati.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-attivita' kienet intlaqghet sew min-nies u hafna fahhru l-organizzazzjoni u dak kollu li gie mtella'. Huwa kompla billi qal li l-unika haga li ma ntlaqghetx sew kien id-disco li kien hemm wara li ntemmet l-attivita'.

15.4 Il-Kunsillieta Davina Sammut Hili wiegbet li ma kinietx semghet kummenti negattivi fuq dan izda kienet iddispjacuta bl-agir tal-Arcipriet li beda' jzarma waqt li kien ghad hemm id-dj.

15.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li min-naha tieghu ihoss li l-attivita' kienet organizzata u milqugha sew fil-maggoranza taghha, kif ukoll fl-esebizzjonijiet u d-diskussjonijiet, izda xtaq li kien hemm aktar attendenza.

**Nota: 21:00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

## 16.0 Ħwejjeg Oħra

16.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn residenti fi Pjazza Sir Luigi Preziosi li talbu li jitnehhew xi sigar hdejn it-tarag li qeghdin fin-nofs tat-triq minhabba li qed jisgombraw it-triq. Ghalhekk hi pproponiet li dawn jitnehhew ladarba dawn kienu f'nofs ta' triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-MEPA u japplika ghat-tnehhija tal-imsemmijin sigar.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghas-sigar li hemm fi Pjazza ES Tonna kantuniera ma' Triq Sarria quddiem il-knisja tal-Metodisti u talab li dawn ukoll jigu mnehhija minhabba li kienu qed jghattu faccata mill-isbah. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu lill-MEPA ghat-tnehhija ta' dawn is-sigar.

16.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kellha talba minn resident biex isiru planters fi Triq il-Miratur u pproponiet li jsiru planters tac-caqquf. Il-Vici Sindku zied jghid li hu wkoll kellu xi ilmenti simili fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jordna disa' planters li jitqassmu tlieta fuq naha ta' Triq il-Miratur, tlieta fuq in-naha l-ohra ta' l-istess triq u tlieta ohra jitpoggew fi Triq Antonio Agius.

16.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-ETC u jipproponi li ssir sistema ta' registrar fil-Floriana minhabba li dawk residenti fil-Floriana jridu jitilghu il-Belt Valletta, xi drabi anke iktar minn darba f'gimgha, biex ikunu jistghu jirregistraw. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-ETC u jipproponi li jitwahhal punch clock bhala alternattiva.

16.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jitlob lil min hu nkarigat sabiex isir arrangament biex il-karta r-roza tibda' tigi mgedda fil-lokalita'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal mistoqsija parlamentari ricenti fejn gie mistoqsi jekk qattx saret talba mill-Kunsill Lokali Floriana biex issir latrina fl-inhawi tal-Fosos. Huwa kompla billi qal li wara din il-mistoqsija kien gie propost li l-Kunsill jaghmel latrina bejn l-Istitut Kattoliku u l-Middlesea Insurance. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jaghmel latrina fiz-zona proposta u qabel li ghandu jissuggerixxi li terga' tinfetah il-latrina maghluqa li hemm hdejn il-klabb tal-bocci.

16.7 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni tal-kunsilliera responsabbli mill-utilitajiet li d-dwal ta' mal-art li hemm fi Triq Sarria kienu mitfija. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li kienet ser tiehu azzjoni biex dawn jigu rraportati u msewwija.

16.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet tkellmet mal-Enemalta dwar il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos u dawn kienu nformawha li kienu talbu laqgha mal-Kunsill izda kienu baqghu qatt ma hadu risposta. Il-Kunsilliera Sammut Hili ziedet tghid ukoll li l-Enemalta kienu jinsabu urtati li minkejja dan, il-Kunsill xorta wahda kien hareg stqarrija stampa.

16.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-memo interna li kienet ressqet rigward l-attivitajiet li torganizza hi matul ix-xahar u saqsiet lill-kunsillieri dwar x'kienu jahsbu mit-talba taghha minhabba li mhux kulhadd kien ta risposta. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li f'kaz li ma tkunx tista' tattendi l-kunsilliera, ikun jista' jmexxi l-attivita' organizzata s-sotto kumitat tal-Avvanz tal-Mara.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.30

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |